# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist. S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha 28 ta’ Dicembru, 2001**

**Numru 49**

**Cit. Nru. 1493/92 DS**

**Alfred Pollacco u David Jones bhala diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta’ Valfracht Maritime Co. Limited, u b’digriet tas-sitta ta’ Ottubru, 1997, stante li Alfred Pollacco m’ghadux direttur tas-socjeta’ attrici, l-atti gew trasfuzi f’isem “Valfrach Maritime Co. Ltd”.**

**vs**

**Saviour Mifsud ghan-nom tad-ditta ACE TRAVEL u dina bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta’ estera CASD tac-Cekoslovakia; u Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta’ The Cargo Handling Company Limited.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**Ic-Citazzjoni attrici**

1. B’citazzjoni is-socjeta’ attrici ppremettiet illi fis-26 ta’ Ottubru, 1992, hija kienet behsieba tispedixxi karozza Mercedes Benz ta’ klient taghha minn Malta ghal Limasol f’Cipru fuq il-Vapur Akademik Milionskipov u ghal dan il-ghan dahhlet l-istess karozza bil-lest fuq in-New Deep Water Quay, il-Marsa, biex l-istess titghabba fuq l-istess vapur, liema zona taqa’ taht l-amministrazzjoni generali tas-socjeta’ esponenti, u peress illi quddiem din il-karozza halla li jipparkja b’mod li hi zgur ma tistax tohrog, truck u trailer tas-socjeta’ estera Cekoslovakka CASD, ukoll konvenuta. Illi minhabba dan, il-karozza Mercedes Benz ma setghetx titghabba fuq il-vapur imsemmi u dan salpa minghajrha, u l-karozza baqghet Malta;

Illi dan ser jirreka u irreka danni lis-socjeta’ attrici, u ghal dan il-ghan talbet lill-Qorti:-

a) tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni fuq imsemmija;

b) tillikwida l-istess danni;

c) tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata ghar-ragunijiet premessi.

**<u>L-Eccezzjonijiet tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited</u>**

2. Is-socjeta' appellanti eccepiet:-

a) Illi t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess socjeta' qdiet il-funzjonijiet taghha bid-diligenza kollha lilha rikjesta mil-ligi u ghalhekk bl-ebda mod ma hi responsabbli ghall-allegati danni;

b) Illi kwalunkwe responsabilita' ta' danni hi a karigu tas-socjeta' konvenuta l-ohra li t-truck u t-trailer taghha mblukkaw il-vettura in kwistjoni, b'dan li l-istess truck u trailer thallew fuq il-moll minghajr ma d-driver taghhom kien prezenti, b'dan li t-truck u t-trailer ma setghux jigu mcaqalqa, kif jigi ppruvat aktar 'l quddiem waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

c) Illi fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti nomine jirrileva li mhux biss is-socjeta' konvenuta qdiet il-funzjonjiet kollha taghha bil-mod rikjest mil-ligi, izda biex zgur tevita li jigi kkawzat pregudizzju minn atti ta' terzi lill-attur nomine gie ssuggerit lis-socjeta' attrici li l-vettura tittiehed mid-Deep Water Quay ghall-Freeport, fejn il-bastiment li kellu originarjament jghabbi l-istess vettura kellu jmur biex jghabbi xi xoghol minn hemmhekk u ghalhekk titghabba dakinhar stess. L-atturi rrifjutaw li jaghmlu dan.

d) Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur nomine u dan stante li l-istess atturi kien ab initio jafu bin-nuqqas ta' responsabilita' da parte ta' l-eccipjenti nomine.

**<u>Il-kontumacja tal-konvenut Saviour Mifsud nomine</u>**

3. Is-socjeta' konvenuta l-ohra naqset li tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet u b'hekk baqghet kontumaci.

**Is-sentenza appellata**

4. B’sentenza tal-5 ta’ Mejju, 1999, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ddecidiet billi ddikjarat lil Saviour Mifsud nomine u lil Godwin Abela nomine responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fl-incident imsemmi fi proporzjoni ta’ nofs kull wiehed, tillikwida d-danni fis-somma ta’ Lm712, u tikkundannhom ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm356 kull wiehed bl-imghax mid-data tac-citazzjoni. Bl-ispejjez li jithallsu nofs kull wiehed mill-konvenuti.

**L-Appell tas-socjeta’ The Cargo Handling Company Limited**

5. Is-socjeta’ The Cargo Handling Company Limited hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq premessa u interponiet appell minnha fuq l-aggravju segwenti:-

a) Illi fis-26 ta’ Ottubru, 1992, is-socjeta’ attrici riedet tghabbi Mercedes Benz fuq il-bastiment Akademik Millionskipov. Ghal dan il-ghan, l-istess vettura ittiehdet Deep Water Quay, u hemmhekk l-istess vettura giet ipparkjata sakemm dina tkun tista’ titghabba fuq il-vapur.

b) Gara illi truck li mieghu kellu trailer, proprjeta’ tas-socjeta’ estera CASD tac-Cekoslovakkia, liema socjeta’ hija rapprezentata Malta mis-socjeta’ konvenuta l-ohra, wasal Malta. Waqt li l-istess truck, li kien misjuq minn xufier Polakk, kien qieghed isuq l-istess truck f’Deep Water Quay, zviluppat hsara fl-istess truck, bil-konsegwenza li l-istess truck waqaf u ma setghax jiccaqlaq. B’kumbinazzjoni, dan it-truck waqaf precizament quddiem il-Mercedes Benz fuq imsemmija, bil-

konsegwenza li malli sar il-hin biex l-istess Mercedes Benz titghabba fuq il-vapur, dan ma setghax isir peress illi l-istess vettura ma setghetx tohrog minn fejn kienet ipparkjata peress illi kienet imblukkata mit-truck fuq imsemmi. B'konsegwenza ta' hekk, il-vettura ma tghabbietx fuq il-bastiment li lahaq telaq mill-Port il-Kbir minghajr il-vettura.

c) Illi biex tirnexxi l-azzjoni attrici kif diretta kontra l-istess socjeta' esponenti, trid qabel xejn issir il-prova ta' l-ammont ta' dannu soffert mis-socjeta' attrici, u li l-istess danni sofferti mis-socjeta' attrici kienu rizultat ta' nuqqas ta' diligenza tas-socjeta' esponenti;

Id-diligenza tas-socjeta' esponenti:

Jigi osservat illi d-diligenza li hija obbligata li ssegwi s-socjeta' esponenti fil-qadi tad-dmirijiet taghha ta' depositarju hija dik tal-bonus pater familias. Ghandu wkoll pero' jinghad illi d-depositarju (u cioe' is-socjeta' esponenti) ma twiegeb qatt ghall-accidenti li jigru b'forza magguri. L-istess socjeta' esponenti lanqas m'ghandha twiegeb ghad-danni meta dawn ikunu kawzati mill-agir ta' terzi persuni u li fuqu l-istess socjeta' esponenti m'ghandha l-ebda tort u kontroll.

Illi milli jirrizulta, is-socjeta' esponenti giet implikata f'dan il-kaz minhabba li z-zona fejn kienet ipparkjata il-vettura "taqa' taht l-amministrazzjoni generali tas-socjeta' konvenuta".

Mill-provi pero' irrizulta is-segwenti:

(i) dan it-truck bi trailer warajh kien ghadu kemm wasal Malta, u dan wasal minn fuq vapur li kien dahal fil-ghodu;

(ii) l-istess truck kien proprjeta' tas-socjeta' estera CASD, li l-agenti taghha f'Malta hija s-socjeta' konvenuta l-ohra;

(iii) L-istess truck kien misjuq minn xufier Polakk, liema xufier m'huwiex impjegat tas-socjeta' esponenti;

(iv) waqt li l-istess truck kien qieghed jinsaq dan zviluppa xi hsara;

(v) l-istess driver mar biex igib xi mekkanik biex ikun jista' jcaqlaq it-truck;

(vi) is-socjeta’ esponenti ma kellha x’taqsam xejn ma’ dan it-truck;

(vii) ma kienetx is-socjeta’ esponenti, jew xi impjegat taghha, li qalu lid-driver tat-truck biex jipparkja t-truck f’dak il-post;

(viii) it-truck waqaf f’area li tinsab taht il-kontroll tas-socjeta’ esponenti;

(ix) is-socjeta’ esponenti ghamlet dak kollu li f’dak il-mument kien possibbli li jsir biex jinsab ix-xufier tat-truck, u biex it-truck jiccaqlaq minn fejn kien jinsab;

(x) is-socjeta’ esponenti, hekk kif setghet tinhareg il-vettura, gharrfet lis-socjeta’ attrici li setghet tiehu l-vettura il-Freeport biex din titghabba fuq l-istess vapur li kien trakka il-Freeport biex jghabbi xi merkanzija minn hemmhekk.

Minn dawn il-fatti, l-ewwel Qorti qalet illi s-socjeta’ esponenti ghandha tamministra id-Deep Water Quay bid-diligenza tal-*bonus pater familias*, u sabet li l-istess socjeta’ ghandha twiegeb ghad-danni stante li ma qdietx dan l-obbligu taghha minhabba illi:-

a. it-truck u t-trailer kienu ilhom weqfin minn filghodu stante li x-xhud tas-socjeta’ esponenti qal illi dan it-truck wasal Malta fuq vapur li kien dahal fil-ghodu;

b. is-socjeta’ esponenti indunat li kien hemm xi haga hazina meta wara nofsinhar inghata il-loading list u ndunaw illi t-trailer in kwistjoni kien qieghed jimblukka il-vettura mertu tal-vertenza odjerna;

c. is-socjeta’ esponenti messa hija attrezzata b’mod li tikkonfronta sitwazzjoni simili u tirrimedja malajr. Ghaldaqstant, messa pprovdiet is-servizz ta’ mekkanik hija, u mhux tiehu atteggjament ta’ x’jimpurtani.

Ghal dawn ir-ragunijiet fuq imsemmija, l-ewwel Qorti ddecidiet illi s-socjeta’ esponenti m’agixxietx bid-diligenza mistennija minnha, u ghaldaqstant ghandha twiegeb ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici daqs kemm ghandha twiegeb is-socjeta’ konvenuta l-ohra.

Bir-rispett kollu, din il-konkluzzjoni hija wahda zbaljata minn zewg nahat:

1. Is-socjeta' esponenti ma kellha x'tahti xejn li truck proprjeta' ta' terzi zviluppatlu hsara waqt li dan kien qieghed jigi misjuq f'zona li taqa' taht il-kontroll tas-socjeta' esponenti, u li b'konsegwenza ta' l-istess hsara is-socjeta' attrici sofriet dannu. Is-socjeta' esponenti tghid li l-Ewwel Qorti messha ghandha il-mezzi biex issolvi sitwazzjonijiet simili. Pero', bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, dina naqset li tapprezza ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u s-sitwazzjoni li fiha s-socjeta' esponenti topera. Ghandu jinghad illi f'din il-kawza m'ahniex qed nitkellmu fuq semplici karozza li fuqha zviluppat xi hsara. Qeghdin nitkellmu fuq truck bi trailer mimli mqabbad mieghu wieqaf, bix-xufier tieghu li presumibilment ma jafx jitkellem sew bl-Ingliz, bl-istess xufier li qabad u telaq biex kif inghad jinsab xi mekkanik, u minghajr ma wiehed ghadu jaf ezattament x'garalu dan it-truck u il ghaliex dan waqaf. Izjed minn hekk kollox gara f'perjodu ta' ftit sieghat li fihom l-Ewwel Qorti ppretendiet illi s-socjeta' esponenti issewwi l-hsara tat-truck proprjeta' ta' terzi u dan minghajr ma taf fejn kien jinsab ix-xufier ta' l-istess truck, tressaq l-istess truck, u tghabbi li Mercedes Benz fuq il-bastiment. U f'dan l-istadju wiehed isaqsi, x'mezzi ragonevoli wiehed jippretendi li jkollha is-socjeta' esponenti biex issolvi sitwazzjoni simili. Jigi bir-rispett osservat illi s-socjeta' esponenti hija l-kumpanija responsabbli mill-Cargo Handling fil-Port il-Kbir, u f'dan hija sub-contractor ta' l-Awtorita' Marittima. Minkejja dak li jinghad b'mod kategoriku, illi z-zona fejn sehh l-incident hija taht il-kontroll tas-socjeta' esponenti, dan ghandu jiftiehem li s-socjeta' esponenti hija responsabbli ghall-merkanzija li tinzamm u li tigi "handled" minnha f'dik iz-zona.

Issa, fir-realta', is-socjeta' esponenti kienet responsabbli ghall-Mercedes Benz, stante li din hija merkanzija li kienet qeghda tigi handled mis-socjeta' esponenti. Izda hija m'hijiex responsabbli mit-truck u mit-trailer in kwistjoni stante li dan m'huwiex merkanzija li tigi handled mis-socjeta' esponenti, stante li l-istess jigi misjuq u pprocessat mix-xufier imqabbad minn sid l-istess trailer.

Meta wiehed janalizza il-premessi tac-citazzjoni attrici, mkien ma huwa allegat illi socjeta' esponenti ghandha tinzamm responsabbli hija messa kellha il-mezzi biex issolvi kwistjoni simili. Dak li nghad fic-citazzjoni attrici huwa illi "quddiem din il-karozza thalla li jpparkja b'mod li hi zgur ma tistax tohrog truck u trailer tas-socjeta' estera Cekoslovakka CASD".

Ikompli jinghad illi "ghad dawn id-dani huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom, minhabba l-ipparkjar hazin u bla hsieb ta' l-imsemmi truck u trailer fin-New Deep Water Quay".

Ghaldaqstant, filwaqt illi fic-citazzjoni taghha, is-socjeta' attrici ppremettiet illi s-socjeta' konvenut ghandha tinzamm responsabbli minhabba li hija ppermettiet li t-truck u t-trailer jipparkjaw b'mod li tigi mblukkata il-merkanzija taghha, l-ewwel Qorti sabet lis-socjeta' esponenti responsabbli minhabba l-fatt illi hija ma kellhiex il-mezz biex issewwi l-istess truck proprjeta' ta' terzi f'territorju li jaqa' taht il-kontroll taghha.

Bir-rispett kollu lejn il-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti, is-socjeta' esponenti sabet ruhha involuta f'sitwazzjoni difficli, u dan minghajr l-ebda htija taghha. Malli s-socjeta' esponenti indunat bl-aggravju li minhabba dak li gara giet imblokkata merkanzija li kienet taht il-kustodja taghha, dina ghamlet dak kollu li kien ragonevolment u umanament possibbli fic-cirkostanzi. Jekk wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li s-socjeta' esponenti messa ghamlet ferm izjed affarijiet f'dawn ic-cirkostanzi, wiehed ikun qieghed jippretendi affarijiet impossibbli minghand l-istess socjeta'.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss, jinghad illi s-socjeta' esponenti hija b'xi mod responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici, is-socjeta 'esponenti ma tista' qatt titqieghed fuq l-istss livell fil-grad ta' responsabilita' ma' dik il-persuna li effettivament ikkagunat id-dannu. Dan izjed u izjed meta wiehed iqis illi s-socjeta' konvenuta l-ohra baqghet kontumaci. Jekk wiehed ikollu josserva dak li effettivament gara, is-socjeta' konvenuta ghandha twiegeb ghall-istess danni stante li kien minhabba l-agir taghha li d-dannu gie kkreat.

Jidher ghaldaqstant, illi s-socjeta' esponenti ghamlet dak kollu li kien mistenni minnha fil-qadi tad-dmirijiet u l-obbligi mposti fuqha mil-ligi, stante li l-mod u d-dinamika li bih gara l-incident kien ghal kollox indipendenti mill-agir ta' l-istess socjeta' esponenti.

Ghaldaqstant, is-socjeta' konvenuta appellanti talbet li dina l-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Marzu, 1999, fl-ismijiet premessi, billi tikkonfermaha

kwantu ddikjarat u ddecidiet illi s-socjeta' konvenuta appellanti m'hijiex responsabbli kwantu ghal nofs l-ammont tad-danni dedotti fic-citazzjoni attrici u ghall-ispejjez konsegwenzjali, u tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti ddecidiet illi s-socjeta' esponenti hija responsabbli ghan-nofs l-iehor tad-danni dedotti fic-citazzjoni attrici u ghall-ispejjez legali konsegwenzjali, billi jigu rigettati d-domandi attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta' attrici.

**Ir-risposta ta' l-appell tas-socjeta' attrici appellata Valfracht Maritime Co. Limited**

6. Is-socjeta' konvenuta l-ohra, appellata, wiegbet hekk:-

> "Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u l-ewwel Qorti tidher li ghamlet apprezzament gust u ekwu tal-fatti tal-kaz biex waslet ghall-konkluzzjonijiet minnha raggunti u apporzjonat ir-responsabilita' fuq iz-zewg konvenuti nomine ugwalment stante li rrizulta li t-tnejn li huma kkontribwew bin-nuqqasijiet taghhom biex is-socjeta' attrici appellata sofriet id-danni minnha lamentati. Ghalhekk l-appell tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha".

**L-Appell incidentali tas-socjeta' appellata**

Illi subordinatament u bla pregudizzju, is-socjeta' attrici appellata trid tipprevalixxi ruhha minn dan l-appell u tintavola appell incidentali komunement maghruf bhala "appello di comodo" f'kaz li l-appell tas-socjeta' appellanti jigi milqugh u dik is-socjeta' tigi liberata minn kull responsabilita'.

Illi peress illi f'din l-ipotesi, jekk jigri hekk, is-socjeta' attrici tkun tista' tirkupra biss nofs id-danni li sofriet u peress ukoll li l-liberazzjoni tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited, ikun ifisser necessarjament illi r-responsabilita' intiera tkun tas-socjeta' l-ohra ossia tad-ditta Ace Travel in rapprezentanza tas-socejta' estera CASD tac-Cekoslovakia, allura ikun il-kaz li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-konvenut Saviour Mifsud ghan-nom tad-ditta ACE Travel u din bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CASD tac-Cekoslovakia, bhala unikament responsabbli ghad-danni reklamati u tikkundannaha li thallas id-danni kollha likwidati favur is-socjeta' attrici, cioe' l-ammont ta' seba' mija u tnax-il lira maltin (Lm712).

Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt li taghmel riferenza ghall-provi gia prodotti u tirrizerva li tipproduci kull prova ohra skond il-ligi, titlob bir-rispett illi <u>biss</u> f'kaz li din il-Qorti tilqa' in toto jew in parti l-appell tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited u tilliberaha mir-responsabbilita' u l-kundanna ghall-hlas tad-danni, din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi kull parti tar-responsabilita' li titnehha minn fuq is-socjeta' konvenuta appellanti The Cargo Handling Company Limited tigi akkollata lill-konvenut Saviour Mifsud nomine u li l-istess konvenut Saviour Mifsud noe jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici dik il-parti tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti li

ma jkunx gie kundannat ihallas il-konvenut Godwin Abela nomine, b'dana li l-ammont intier tad-danni likwidati favur l-esponenti jigu mhallsa jew minn wiehed jew mill-iehor mill-konvenuti nomine, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti nomine jew min minnhom skond l-ezitu tal-kwistjoni tar-responsabilita', jekk din il-Qorti thoss li ghandha tvarja b'xi mod is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili".

**Is-sentenza ta' din il-Qorti**

7. L-appell jirrigwarda r-responsabilita' ghall-hlas ta' danni li gew kkagunati bl-fatt li vettura tal-marka Mercedes Benz li suppost tghabbiet mid-Deep Water Quay ghal fuq il-bastiment "Akademik Millionskipov" baqghet l-art u din kellha mbaghad titghabba b'ritard ta' granet fuq tragitt iehor separat. Il-quantum tad-danni lahaq komplessivament is-somma ta' Lm712.00c. Dan l-ammont ta' danni gie accettat in toto mill-Ewwel Qorti wara li gie mgharbel minnha u ma kienx jidher li huwa l-bazi ta' kontestazzjoni bejn il-kontendenti.

8. Il-punt tal-vertenza ewlieni huwa relatat mat-talba dwar min huwa responsabbli ghall-akkadut, kif ukoll dwar jekk, f'kaz ta' sejbien ta' htija kontributorja, kemm ghandha tissopporti kull parti sokkombenti ghall-istess.

Mill-provi akkwiziti jirrizulta b'mod evidenti li n-nuqqas ta' tghabija tal-vettura ta' l-attur nomine appellat kienet ikkagjonata mill-fatt li fil-mument proprju meta l-vettura de quo kellha titghabba gara li triqtha sfat temporanjament imblukkata bi trakk u "trailer" li kienu jinsabu ezattament quddiemha, liema trakk ma setghax jinsaq ghar-raguni li l-"air brakes" tieghu iggamjawlu. Biex aktar tikkomplika ruhha l-qaghda dak il-hin, jirrizulta li x-xufier tat-trakk u "trailer", ta' nazzjonalita' Pollakka, ma setghax jinstab. Is-socjeta' appellanti tassew jidher li ghamlet sforz biex jinstab il-mezz biex il-vettura ta' l-attur nomine titghabba skond kif skedata u anke l-istess bastiment irritardja xi ftit il-partenza tieghu mill-Port sabiex dan l-impasse jigi zblokkat, imma r-rizultat ahhari kien fin-negattiv.

9. Is-socjeta' appellanti ghadha ssostni li hija ma kellha l-ebda parti mit-tort ghal dak li gara. Id-diligenza adoperata minnha bhala "bonus pater familias" kienet adegwata ghas-sitwazzjoni li qamet u li taghha ma kienet tahti xejn. Bhala depozitarja, inoltre, hija ma tahtix ghal accidenti li jsehhu b'forza magguri. Hija ma kellha ebda tort u m'ghandhiex twiegeb ghal atti ta' terzi li fuqhom ma kellhiex kontroll.

10. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li minn dak li jittrapela mis-sentenza appellata, ghandu jirrizulta li l-Ewwel Qorti kkunsidrat sew dan l-aspett ta' attribuzzjoni ta' htija, li dwaru qeghda tillanja s-socjeta' konvenuta

appellanti. Din il-Qorti hi tal-fehma li hawn lanqas si trattava ta' forza magguri kif qeghda tippretendi s-socjeta' appellanti. Si trattava invece ta' incident li bhalu jidher li gieli jinqala, u kwindi kien prevedibbli u mhux xi incident li waqa' mis-sema, u li kkomplika ruhu aktar ghar-raguni li meta nqala' l-intopp li ta lok ghad-danni, ix-xufier li kien responsabbli mit-trakk u mill-"container" ma setax jinstab. Is-socjeta' konvenuta l-ohra, li baqghet kontumaci fil-kawza, ukoll ippruvat tara fejn mar dan ix-xufier, izda ta' xejn. Dan maghdud pero', ma jistax ma jinghadx ukoll, kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, li s-socjeta' konvenuta appellanti kellha, u mhux ma kellhiex, parti mit-tort ghal dak li gara. Dan ghaliex, kif xehed is-"senior shed clerk" taghha nnifsu, Carmel Mifsud, accidenti bhal dawn gieli jigru. It-thaddim u supervizjoni ta' l-operazzjoni ta' tghabija, ta' hatt u ta' depost fid-Deep Water Quay huma amministrattati mis-socjeta' The Cargo Handling Company Limited u, konsegwentement, kien fil-parametri tad-doveri ordinarji taghha li tara li f'kazi simili, tinstab is-soluzzjoni fl-aqsar zmien. Veru li f'dan il-kaz l-ghibien tax-xufier ikkumplika is-sitwazzjoni izda anke hawn s-socjeta' appellanti ma messha qatt ippermettiet lix-xufier milli jaqbad u jallontana ruhu bla ma jaghti kont fejn kien sejjer u fejn allura seta' jigi msejjah f'kaz ta' bzonn.

11. Mill-banda l-ohra, din il-Qorti, jidhrilha ukoll, li kwantu ghall-ispartizzjoni ta' htija, l-ewwel Qorti messha rrealizzat li ghal dak li sehh,

kien hemm certament htija magguri fl-agir tas-socjeta' konvenuta l-ohra rapprezentata mill-konvenut Saviour Mifsud nomine, li f'din il-kawza baqghet kontumaci. Illi, ghalhekk, ghalkemm il-htija ghandha tibqa' attribwibbli fuq iz-zewg socjetajiet konvenuti, kompriza jigifieri dik appellanti, l-istess htija ghandha tigi spartita fi proporzjonijiet differenti minn dawk decizi fis-sentenza appellata. Jigifieri, is-socjeta' konvenuta appellanti ghandha terfa' u tissopporti d-danni kagjonati fil-proporzjon ta' terz (1/3), filwaqt li r-rimanenti zewg terzi (2/3) ghandhom jintrefghu u jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta l-ohra, u cioe' minn Saviour Mifsud ghan-nom tad-ditta ACE TRAVEL u dina bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera C.A.S.D. tac-Cekoslovakia. Peress li d-danni kollha lahqu s-somma ta' Lm712.00, ifisser mela li s-socjeta' konvenuta appellanti The Cargo Handling Company Limited ghandha thallas lill-appellat nomine l-ammont ta' Lm237.33c, filwaqt li l-konvenut Saviour Mifsud nomine ghandu jhallas l-ammont ta' Lm474.67c.

12. L-appell incidentali, in vista ta' dak li gie deciz fil-paragrafu antecedenti qieghed jigi wkoll milqugh peress li ghalkemm is-socjeta' appellata ma gietx liberata minn kull responsabilita', pero' xorta wahda dik il-parti mid-danni subiti, li qabel kellhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta appellanti, issa in vista tar-riforma deciza minn din il-Qorti, ifisser li din il-parti mid-danni trid tigi sopportata mill-konvenut Saviour Mifsud nomine li jrid jerfa' parti akbar mir-responsabilita'.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi tilqa' in parte l-appell intavolat mis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited u tilqa' wkoll l-appell incidentali tas-socjeta' attrici appellata, u filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet responsabbilita' ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici kemm lil Godwin Abela nomine kif ukoll lil Saviour Mifsud nomine u li dawn id-danni jammontaw ghal Lm712.00c, tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn iddecidiet li tali responsabbilita' kellha tigi sopportata nofs bin-nofs bejn dawn iz-zewg konvenuti, u tirriforma l-istess spartizzjoni kif fuq inghad, jigifieri fil-proporzjon ta' terza parti (1/3) attribwibbli lil Godwin Abela nomine li qed jidher ghas-socjeta' konvenuta appellanti, u zewg terzi (2/3) fuq Saviour Mifsud nomine, u li jfisser ghalhekk li s-socjeta' konvenuta appellanti qeghda tigi kkundannata thallas lill-atturi nomine appellati l-ammont ta' mitejn u sebgha u tletin lira maltin u tlieta u tletin centezmu (LM237.33c), u lil Saviour Mifsud nomine  erba' mija u erbgha u sebghin lira maltin u sebgha u sittin centezmu (LM474.67c) bl-interessi legali kif deciz mill-ewwel Qorti.

Il-Kap ta' l-ispejjez ghaz-zewg istanzi jigi sopportat miz-zewg partijiet konvenuti sokkombenti fl-istess proporzjoni, jigifieri terz (1/3) mis-

socjeta' appellanti u zewg terzi (2/3) mill-konvenut Saviour Mifsud nomine.

Dep/Reg

mm